Informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data

Bħala d-direttorat responsabbli għall-proċedura ta' selezzjoni, id-Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja (Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal, Direttorat Ġenerali tal-Persunal u tal-Finanzi, Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, L-2925 il-Lussemburgu) jiżgura li d-data personali tiġi pproċessata skont ir-Regolament Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu.

Data pproċessata

Fil-kuntest tal-proċedura ta' reklutaġġ, tista' tiġi pproċessata d-data li ġejja: informazzjoni dwar l-identità, inidirizz u posta elettronika, taħriġ, esperjenza professjonali, sitwazzjoni tal-familja, riżultat tal-eżami tal-kapaċità medika, konoxxenzi lingwistiċi u b'mod ġenerali l-informazzjoni kollha inkluża f'CV. Din id-data tiġi kkonsultata biss għall-finijiet ta' reklutaġġ sussegwenti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din hija pproċċessata b'kunfidenzjalità u miżmuma f'kundizzjonijiet ta' sigurtà.

Bażi legali

Uffiċjali: Artikoli 27 sa 34 tar-Regolamenti tal-Persunal;
Membri tal-persunal bil-kuntratt u temporanji, konsulenti speċjali: Artikoli 12 sa 15, 82 sa 84 u 123 sa 124 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg;
Studenti: leġiżlazzjoni tal-21 ta' Lulju 2001 dwar ir-reklutaġġ tal-istudenti;
Stagiaires: deċiżjoni tal-10 ta' Marzu 2010 li tadotta regoli dwar l-istages mal-Qorti tal-Ġustizzja, mal-Qorti Ġenerali u mat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;
Membri tal-ġudikatura nazzjonali: deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2007 dwar il-membri tal-ġudikatura nazzjonali milqugħa għal stage fil-kuntest tal-programm ta' skambji organizzat min-Netwerk Ewropew ta' Taħriġ Ġudizzjarju;
Esperti nazzjonali kkollokati: deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi regoli dwar l-esperti nazzjonali kkollokati;
Artikolu 5(a) u (d) tar-Regolament Nru 45/2001.

Destinatarji jew il-kategoriji ta' destinatarji ta' data

Id-data personali tiegħek tista' tiġi pproċessata mid-Direttorat Ġenerali tal-Persunal u tal-Finanzi (DĠPF); mill-kumitati ta' selezzjoni, mill-Awtorità tal-Ħatra kompetenti; mis-superjur(i) ġerarkiku/ġerarċiċi tiegħek; mill-ġestjonarji, mill-amministraturi u mill-kapijiet tad-Diviżjoni tar-Riżorsi Umani u tad-Diviżjoni tad-Drittijiet Statutorji, Affarijiet Soċjali u Mediċi, Kundizzjonijiet tax-Xogħol.
Barra minn hekk, din id-data tista' tiġi kkomunikata lil destinatarji oħra f'każijiet partikolari:
- Il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u/jew it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, jew qorti nazzjonali, kif ukoll l-avukati u l-aġenti tal-partijiet fil-każ ta' kawża;
- L-istanza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali jew tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li qed teżamina l-ilmenti, il-President u r-Reġistratur tal-qorti kkonċernata, kif ukoll il-konsulent ġuridiku għall-kawżi amministrattivi, fil-każ ta' lment imressaq skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- L-OLAF fil-każ ta' investigazzjoni effettwata skont ir-Regolament Nru 1073/1999 u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ottubru 1999;
- L-awditur intern fil-kuntest tal-funzjonijiet mogħtija lilu mill-Artikoli 85 sa 87 tar-Regolament Finanzjarju;
- Il-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-missjoni fdata lilha mill-Artikolu 287 TFUE;
- Il-President u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll l-uffiċjali li jassistuhom, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet mogħtija lilhom mill-Artikolu 20(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament 45/2001;
- L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-istituzzjoni skont il-punt 4 tal-Anness tar-Regolament 45/2001;
- L-Ombudsman Ewropew sa fejn dan huwa neċessarju għall-ipproċessar ta' lment imressaq quddiemu (Artikolu 228 tat-TFUE).

Dritt ta' riferiment lill-KEPD

Għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 45/2001, "mingħajr preġudizzju għal rimedju ġudizzjarji, kull suġġett tad-data jista' jirreġistra ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-data jekk hu jew hi tqis li d-drittijiet tiegħu jew tagħha taħt l-Artikolu 286 tat-Trattat ikunu nkisru bħala riżultat ta' l-ipproċessar tad-data tiegħu jew tagħha minn istituzzjoni jew korp tal-Komunità.

Fin-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fi żmien sitt xhur, l-ilment għandu jitqies li jkun ġie miċħud."

Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 45/2001, "kull persuna mpjegata minn istituzzjoni jew korp tal-Komunità tista' tirreġistra ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar kull allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali, mingħajr ma jaġixxu permezz ta' mezzi uffiċjali".

Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li "ħadd m'għandu jsofri preġudizzju minħabba l-fatt li jkun irreġistra ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li jallega ksur tad-disposizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali".

Terminu għaż-żamma tad-data

Uffiċjali u membri tal-persunal mhux irreklutati: 3 snin wara li l-pożizzjoni kienet mimlija jew li tiskadi l-lista ta' riżerva.
Stagiaires irreklutati: 3 snin wara t-tmiem tal-istage.
Stagiaires mhux irreklutati: 3 snin mill-bidu tal-perijodu tal-istage li fir-rigward tiegħu tinġabar din id-data.
Studenti rreklutati: 3 snin wara t-tmiem tal-impjieg.
Studenti mhux irreklutati: distruzzjoni qabel it-tmiem tas-sena li matulha tkun tressqet il-kandidatura.
Membri tal-ġudikatura nazzjonali, esperti nazzjonali kkollokati rreklutati: 3 snin wara t-tmiem tal-kuntratt/tal-impjieg.
Kandidaturi mhux magħżula: 3 snin mir-riċezzjoni tagħhom.
Konsulenti speċjali rreklutati: 3 snin wara t-tmiem tal-kuntratt tagħhom.
Kandidaturi mhux magħżula: ma hemm l-ebda żamma, dawn huma distrutti immedjatament.
Is-silta mid-dokument ta' kondotta tal-persuna kkonċernata ma tinżammx, jinżamm biss ċertifikat maħruġ mill-ġestjonarju tar-reklutaġġ, wara li jkun ra s-silta mid-dokument ta' kondotta rilevanti, li tikkonferma li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(c) tar-Regolamenti tal-Persunal ġiet issodisfatta.

Dritt ta' aċċess

Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 45/2001, il-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tikseb, mingħajr tfixkil, f'kull żmien f'terminu ta' tlitt xhur minn meta l-kontrollur jirċievi talba u mingħajr ħlas:
a) konferma dwar jekk id-data li tirrelata miegħu jew magħha tkunx qed tiġi pproċessata jew le;
b) informazzjoni tal-inqas dwar l-għanijiet tal-operazzjoni ta' pproċessar, il-kategoriji tad-data kkonċernata, u d-destinatarji jew il-kategoriji ta' destinatarji li lilhom tiġi kkomunikata d-data;
c) il-komunikazzjoni f'forma li tista' tinqara tad-data li tkun qed tiġi pproċessata u tal-informazzjoni disponibbli dwar is-sors tagħha;
d) l-għarfien tal-loġika involuta f'kull proċess awtomatiku ta' deċiżjoni dwaru jew dwarha.

Dritt ta' rettifikazzjoni

Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 45/2001, il-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tikseb mingħand il-kontrollur ir-rettifikazzjoni mingħajr dewmien ta' kull data personali żbaljata jew mhux sħiħa.

Sabiex tinvoka d-dritt ta' aċċess jew ta' rettifika, huwa biżżejjed li tikteb lil:

Id-Direttur tar-Riżorsi Umani
u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
L-2925 il-Lussemburgu

Eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet għal dawn id-drittijiet

L-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 45/2001 jistipula li l-istituzzjoni tista' tiddevja mill-kwalità tad-data, tillimita l-kontenut tal-informazzjoni pprovduta lill-persuna, li mingħandha tkun inġabret id-data, tillimita d-dritt ta' aċċess, ta' rettifika, ta' bblokkjar u tħassir tad-data, kif ukoll li ma tħassarx jew iżżomm f'forma anonima d-data dwar it-traffiku u l-kontijiet sa fejn dik ir-restrizzjoni tikkostitwixxi miżura meħtieġa biex tissalvagwardja:
a) il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali;
b) interess importanti ekonomiku jew finanzjarju ta' Stat Membru jew tal-UE, inklużi kwistjonijiet monetarji, tal-baġit u fiskali;
c) il-protezzjoni tas-suġġett tad-data jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn;
d) is-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika u d-difiża tal-Istati Membri;
e) is-sorveljanza, l-ispezzjoni jew il-kompitu regolatorju konness, ukoll jekk ta' kull tant, mal-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali fil-każi msemmija fil-punti a) u b).

Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li fil-każ ta' tali restrizzjoni, tista' tiġi informat bir-raġunijiet ewlenin li jimmotivaw din ir-restrizzjoni u tad-dritt tiegħek ta' rikors quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.